## 16 ta' Settembru, 1961

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Azzopardi

**Demenza — Appell — Art. 414 u 619 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Digriet li bih il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, sedenti bħala Qorti ta' Kriminali Istruzzjoni, tirrimetti lill-imputat biex jinżamm taħt kustodja fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, mhuwiex appellabbli.*

Il-Qorti:— Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-20 ta' Lulju 1961, li bih dik il-Qorti, wara li kkonstatat illi mir-rapport tal-periti psikjatri jirriżulta li Carmelo Azzopardi kien dementi fis-sens tal-liġi fiż-żmien tar-reat, u wara li ddikjarat lill-istess Azzopardi dementi għas-sens tal-liġi, u għalhekk mhux responsabbli, u wara li rat l-art. 414 (4) u 619 tal-Kodiċi Kriminali, ordnat li l-imsemmi Carmelo Azzopardi jinżamm taħt kustodja rigoruża fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, u li jiġi mgħarraf bla dewmien dwar dan l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, u ordnat li l-attijiet tal-kumpilazzjoni jiġu mibgħuta lill-Attorney General fiż-żmien indikat mill-liġi;

Rat ir-rikors tal-imputat li bih appella mid-digriet fuq imsemmi, u talab li jiġi revokat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità sollevata mill-Attorney General, verbalizzata fol. 98;

Din l-eċċezzjoni hi bażata, għas-sens tal-ġurisprudenza kostanti u paċifika ta' din il-Qorti, diversament u similment presjeduta, li rriteniet li deċiżjoni simili ma hix appellabbli, għaliex mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati sedenti, mhux bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iżda

bħala Qorti Istruttorja konformement għar-raba' subartikolu ta:-art. 414 tal-Kodiċi Kriminali;

Għalhekk ma hix aċċettabbli s-sottomissjoni tad-difiża li si tratta ta' deċiżjoni ta' dik il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u mhux bħala Qorti Istruttorja; għaliex (targumenta d-difiża) dik id-deċiżjoni poniet fini għall-kwistjoni, mentri, tkompli tgħid id-difiża, il-Qorti Istruttorja tistruwixxi l-proċess. Il-verità hija li si tratta ta' deċiżjoni li, b'dispożizzjoni mqegħdha taħt l-intestatura tal-Qorti Kriminali "bħala Qorti Istruttorja", il-liġi tat lil "dik" il-Qorti il-jedd li tagħti appuntu "bħala Qorti Istruttorja";

Intant, din il-Qorti tirrikjama l-attenzjoni tal-Attorney General għar-rakkomandazzjoni li "in lege ferenda" diġa' għamlet fid-deċiżjoni tagħha "Il-Pulizija vs. Giuseppe Cassar" tat-12 ta' Marzu 1960.

U tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità sollevata mill-Attorney General, u kwindi tiddikjara l-appell irritu u null.